Qorti tal-Appell
(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 432/2014AE

**Elmo Insurance Limited**

**Vs**

**Kunsill Lokali Haz-Zabbar**

L-Erbgha, 27 ta' Jannar 2016.

Il-kawza titratta dwar incident tat-traffiku li sehh fit-3 ta' Lulju 2014 fi Triq is-Santwarju, Haz-Zabbar fil-31 ta' Mejju 2013. Jirrizulta li l-vettura JAZ 062 li kienet ghaddejja mill-istess triq, habtet f'*crash barrier* li bl-impatt spiccat fuq il-vettura l-vettura ta' Lawrence Darmanin (assigurata mal-attrici) kienet ipparkjata. L-attrici harrket lill-Kunsill Lokali ta' Haz-Zabbar ghad-danni minhabba li tallega li l-incident tat-traffiku sehh tort tal-Kunsill peress li l-barrier ma kellhiex dawl u ma x-xufier tal-vettura JAZ 062 ma setatx taraha.

B'sentenza tad-9 ta' Lulju 2015 it-Tribunal Ghal Talbiet Zghar laqa' l-ewwel eccezzjoni li m'ghandux kompetenza biex jisma' u jiddeciedi l-kawza minhabba li l-attrici kellha tipproponi arbitragg mandatorju[1].

L-attur appella u l-aggravju tieghu hu li ma jistax li kien is-sewqan ta' Jessica Mifsud li wassal ghall-incident. Mill-provi ma rrizultax li kienet qeghda ssuq b'mod negligenti. Hi kienet qeghda ssuq bil-mod u ma kienx possibbli ghaliha li tara l-*crash barrier* minhabba li kien id-dlam u ma kinitx imdawwla. Fil-kaz in ezami l-causa causans tad-danni hi attribwibbli ghal mod negligenti kif il-Kunsill Lokali ghazel li jhalli l-crash barrier f'nofs ta' triq principali, minghajr sinjali, minghajr dawl u minghajr indikazzjoni li kienet hemmhekk. Investigazzjoni dwar is-sewqan ta' Mifsud kellha twassal ghal konkluzjoni li ma kinitx tahti ghall-akkadut.

Il-Kunsill konvenut wiegeb li ghal finijiet ta' din l-eccezzjoni l-uniku fatt rilevanti kien li l-vettura JAZ 062 kienet il-kagun li l-barrikata intlaqtet u spiccat fuq il-vettura ta' Darmanin. Kienet ix-xufier tal-vettura JAZ 062 li tat lok ghall-incident meta habtet fil-barrier.

Fis-sentenza t-Tribunal qal:-

---

[1] Ghal rassenja utli ta' gurisprudenza dwar din l-eccezzjoni ara sentenza tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar fil-kawza **Atlas Insurance PCC Limited et vs Roberto Borg et**, 15 ta' Lulju 2013.

*"Il-Peugeot, li sid taghha hu l-attur li qed jagixxi flimkien mal-assikuraturi tieghu l-Elmo Insurance Ltd kienet parkjata. Din ma gietx danneggjata minn "barrier" li, nghidu ahna taret fuqha bir-rih waqt xi maltempata. Anqas giet danneggjata ghax waqghet xi hgiega minn gallarija jew xi opramorta. Il-hsara rrizultat ghax il-Fiat li kienet ghaddejja tinsaq fit-triq dahlet go "barrier". Hawn trid tigi ndagata l-imgieba tas-sewwieqa Jessica Mifsud qua sewwieqa. Irid jigi nvestigat il-"manner of driving" taghha.*

*Fil-fehma tat-TRIBUNAL dan kien kaz car ta' ncident tat-traffiku li ma kellux jingieb quddiemu. Din hi haga ta' ordni pubbliku li anqas il-kontenuti ma jistghu imorru kontriha bi qbil u wkoll hu dmir it-TRIBUNAL li jqajjimha marte proprio".*

Skond l-Artikolu 1.2 tat-Taqsima A tar-Raba' Skeda tal-Att dwar l-Arbitragg, ghandhom jigu determinati f'arbitragg:-

*"**Tilwimiet dwar it-Traffiku ta' Vetturi bil-Mutur**.*

*Kull tilwima civili jew kummercjali, li ma tkunx wahda li jkollha x'taqsam ma' talba ghal danni ghal hsara fil-persuna, li tkun tilwima li torigina minn:*

*(a) kollizjoni bejn vetturi, jew*

*(b) hsara involontarja fil-proprjetà li tinvolvi l-vetturi, jew……."*

li l-valur taghha ma jkunx jeccedi €11,646.87, ghandhom jigu determinati f'arbitragg mandatorju[2].

Fil-fehma tal-qorti biex tigi determinata l-ewwel eccezzjoni ma kienx rilevanti tort ta' min sehh l-incident tat-traffiku. F'eccezzjoni ta' kompetenza m'ghandux jigi deciz il-meritu. Jibqa' 'l fatt li l-incident sehh b'rizultat ta' incident tat-traffiku meta vettura habtet *f'crash barrier* li kien hemm fi Triq is-Santwarju, Zabbar fejn kienet ipparkjata l-karozza ta' Lawrence Darmanin. Bl-impatt il-*crash barrier* spiccat fuq il-vettura ta' Lawrence Darmanin (assigurat tal-attrici). Fil-fehma tal-qorti dan il-kaz hu *motor traffic dispute*. Fl-incident tat-traffiku saret hsara involontarja fil-proprjeta ta' Lawrence Darmanin, li fil-kaz in ezami nzertat kienet vettura. Fattur li m'huwiex determinanti. Hu veru li l-vettura JAZ 062 ma habtitx fil-vettura ta' Lawrence Darmanin, madankollu l-hsara fil-vettura xorta grat f'incident tat-traffiku. Il-htija ghall-incident tat-traffiku m'hijiex il-fattur li tiddetermina eccezzjoni ta' kompetenza. Inoltre' 'l fatt li l-attrici ghazlet li tharrek biss lill-Kunsill Lokali Haz-Zabbar, ma jbiddel xejn mill-fatt li l-hsara grat f'incident tat-traffiku. L-incident tat-traffiku hu l-fattur rilevanti ghal finijiet ta' determinazzjoni dwar jekk kellux isir arbitragg mandatorju.

---

[2] Ara sentenza tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar fil-kawza **Atlas Insurance PCC Limited et vs Roberto Borg** tal-15 ta' Lulju 2013, fejn hemm rassenja utli ta' gurisprudenza dwar eccezzjoni identika.

**Ghal dawn il-motivi tichad l-appell bl-ispejjez kontra s-socjeta appellanti**.

Anthony Ellul.